# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
***CITTÀ FERDINAND***

## MINUTI

## SEDUTA NRU 255 – It-Tnejn 12 ta' Novembru, 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Is-Sinj. Mariette Borg
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI
Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 254 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2. KUNSILLIERA SKUŻATI
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva kommunikazzjoni mingħand il-Viċi Sindku Ryna Callus li kien se jkun imsiefer fuq xogħol, u mingħand il-Kunsillier Mario Cachia li minħabba raġunijiet familjari ma setax jattendi s-seduta.

Is-Sindku ippropona li kemm il-Viċi Sindku kif ukoll il-Kunsillier Cachia għandhom ikunu skużati. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 FINANZI

**2.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**2.2 Rapport finanzjarju Lulju-Settembru 2012**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda ir-rapport finanzjarju għal-Lulju sa Settembru 2012. Dan juri *working capital* negattiv ta' €25,983. Huwa spjega li meta tqis li l-*working capital* ta' April-Ġunju kien juri żbilanċ ta' €75,494, ifisser li f'dan il-perjodu l-iżbilanċ naqas b'€49,511. B'hekk hu mistenni li sal-aħħar tas-sena nagħmlu tajjeb għall-iżbilanċ kollu, u nispiċċaw is-sena b'*working capital* pożittiv.

# 3 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**3.1 Għar Lapsi**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien qed issir progress bħal per eżempju diġà twaħħl u t-tabelli li jinfurmaw lill-pubbliku dwar il-periklu.

**3.2 Stallazzjoni ta' lqugħ għat-troll tal-Girgenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-istima għal dawn ix-xoghlijiet hija ta'
Is-Sindku qal li minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill, dan ix-xogħol għandu jistenna.

**3.3 Immaniġġjar tat-traffiku fi Triq il-Għid**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għadu jistenna tweġiba mingħand TM.

**3.4 Servizz tal-Arriva**

Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv kiteb kemm-il darba lir-rappreżenanti tal-Arriva u ta' TM biex jattendu din il-laqgħa. Sa issa kien għad ma hemm l-ebda tweġiba.

# 4.4 KORRISPONDENZA

**4.1 Tneħħija tal-Bins f'Għar Lapsi**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda ittra mill-Avukat Dr Anna Mifsud Bonnici għan-nom ta' Lapsi Estate Ltd fejn jitneħħew il-bins li hemm fil-parti tax-xagħri wara ċ-ċint tal-parking place għaliex din hija propjeta' private ta' Lapsi Estates Ltd.,

Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Works Manager għandhom imorru fuq il-post biex jinstab post alternattiv.

# 4 KUNTRATTI

**4.1 Kuntratt tal-Accountant**

Is-Segretarju Eżekuttiv inġibditlu l-attenzjoni mid-DLG dwar il-mod kif kien qed jingħata s-servizz tal-Accountant. Dan għaliex ilu diversi snin li kienu ntalbu tlett

kwotazzjonijiet. Is-Sindku ippropona li għandna noħorġu sejħa ta' offerti għall-kuntratt ta' accountant.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.2 Sejħa ta' tliet kwotazzjonijiet għal servizz ta' tindif taċ-Ċentru Ċiviku**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara sejħa pubblika li dehret fil-Gazzetta tal-Gvern u l-Malta Independent, daħħlet kwotazzjoni waħda, dik ta' Natasha Mizzi

Is-Sindku ippropona li din il-kwotazzjoni għandha tiġi milqugħa. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekobnda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5 HWEJJEĠ OHRA

**5.1 Bring-in Sites**

Is-Sindku qal li wara laqgħa mas-sur Joe Attard tal-GreenMT, irriżulta li kontinwament qed isir użu ħażin abbużiv mill-BIS ta' Triq Dun Manwel Zammit u Triq Lapsi. Il-kumpanija mhijiex lesta li tkompli terfa' l-ispiża tat-tindifa tagħhom u għalhekk issuġġerit siti differenti.

Huwa kompla jgħid li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv raw diversi possibiltajiet hu ippropona li BIS titpoġġa fi Triq tal-Imwieġel u l-oħra biswit Ġnien il-Ħajjafaċċata ta' Triq Nikola Bonello. Dawn il-BIS għandhom isiru mill-kwadri fuq ir-roti. Il-Kunsilliera Mariette Borg issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.2 Wirja Fotografika**

Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali Żgħażagħ se jorganizza wirja ta' ritratti miġbudin waqt it-taħriġ li sar fil-kors organizzat għaż-żgħażagħ. Din il-wirja se ssir bejn it-13 u s-16 ta' Diċembru. Huma wkoll se jtellgħu website li fiha jkun hemm dawn ir-ritratti.

**5.4 Zuntier tal-Knisja**

Is-Sinkdu ippropona li jitpoġġew qsari kbar dekorattivi biex jimminizzaw il-ħsara liz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.5 Skema Librerija**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li skont Memo 42/12, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed joffri €700 f'kotba jekk aħna nivvutaw l-istess somma. B'hekk matul is-sena nkunu poġġejna l-ammont ta' €1,400 f'kotba ġodda fil-librerija Karmenu Vassallo.
Is-Sindku ippopona li għandna nilqgħu din l-offerta.
Il-Kunsilliera Mariette Borg issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.6 Proġett Tal-Għolja**

Is-Sindku qal li t-Tribubnal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar laqa' limititament l-appell tal-Kunsill għalkemm b'xi tibdil. Għal din ir-raġuni fi żmien tletin ġurnata iridu jiġu ippreżentanti pjanti ġodda in linja mal-kundizzjonijiet li għamel il-Bord.

Huwa kompla jgħid li għalhekk se ssir laqgħa mal-Perit Valerio Schembri biex jiġu sottomessi pjanti ġodda.

Is-Sindku ippropona li għandna tintbagħat ittra ta' rikonoxxoment lill-Perit Robert Musumeci tal-għajnuna volontarja tiegħu fil-preparazzjoni u waqt l-appell. Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.7 Infurzar Lokali**

Is-Sindku qal li fis-seduta li jmiss kien se jressaq rapport dwar in-numru ta' ċitazzjonijiet li ingħataw fl-aħħar tliet xhur. Jidher li mhux qed isir infurzar fiz-zoni mhux residenzjali u għalhekk fis-seduta li jmiss għandha tiġi diskussa l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar din il-materja biex tiġi mressqa fil-Kunsill Reġjonali.

**5.8 Xogħlijiet tal-Enemalta**

Is-Sindku qal li kif wieħed seta' jinnota fil-jiem li għaddew inbdeda x-xogħol ta' substation tal-Enemala. Wara li tlesta l-bini tiegħu fi Triq Mons Mikiel Azzopardi issa beda jsir il-kanal biex jitwasslu l-cables mill-Pjazza sas-substation. Kin intqal fis-seduta preċedenti dan il-kanal li għandu medda ta' madwar 200n metru, ried jgħaddi minn Triq Mons M. Azzopardi, Triq Nikola Saura, Pjazza Vittmi tal-Gwerra, Triq il-Qajjied u Pjazza San Nikola.

Biex sertgħu isiru dawn ix-xogħolijiet il-kuntrattur flimkien mal-Enemalta ħadu ħsieb il-permessi neċessarji kollha maħruġin minn Transport Malta fosthom li Triq il-Qajjied issir temporanjament one-way, u wkoll waqt xi xogħlijiet tingħalaq kompletament.

Hu mifhum li waqt it-twettiq tax-xogħlijiet propjetà privata fi Triq il-Qajjied ġarrbet xi ħsarat, waħda mill-kuntrattur u l-oħra minn vettura tal-Arriva.

Is-Sindku qal li kien qabbad lill-Peirt Edward Said biex jeżamina l-ħsarat u jagħmel rapport u jippreżentah lill-Kunsill.

Barraminn dan, Transport Malta intalbet tavża lill-Arriva biex sakemm jitlestew ix-xogħolijiet, is-servizz tar-rotta 109 tgħaddi minn Triq il-Knisja l-Qadima u mhux mir-rotta normali.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn, 26 ta' Novembru fis-7.00 p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 26 ta' Novembru, 2012**

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 255**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 12/11/12-26/11/12**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | districts dept | €594.17 | €594.17 | d | fp | patching tal-bajjada job746 | | 2711 | | | | 9324 |
| 2 | districts dept | €1,015.21 | €1,015.21 | d | fp | patching mus-inzul ix-xems job846 | | 2711 | | | | 9324 |
| 3 | districts dept | €406.07 | €406.07 | d | fp | patching providenza job853 | | 2711 | | | | 9324 |
| 4 | districts dept | €562.72 | €562.72 | d | fp | patching panoramic job853 | | 2711 | | | | 9324 |
| 5 | kumitat kongunt | €20.15 | €20.15 | d | fp | les oct12 | 31/10/12 | cjc181 | | | | 9325 |
| 6 | kumitat kongunt | €108.72 | €108.72 | d | fp | les sept12 | 30/09/12 | cjc175 | | | | 9325 |
| 7 | gutenberg | €50.00 | €50.00 | d | fp | refund fee tender doc lcs17/12 | | lcs17/12 | 17-Dec | | | 9297 |
| 8 | j.haber | €50.00 | €50.00 | d | fp | refund fee tender doc lcs17/12 | | lcs17/12 | 17-Dec | | | 9298 |
| 9 | msd | €1,473.21 | €1,473.21 | t | fp | trasffic signs job9534 | 30/10/12 | 17176 | | | | 9315 |
| 10 | ecopure | €8.50 | €8.50 | k | fp | water for dispenser | 05/12/12 | 11-Jun | | | | 9323 |
| 11 | kazin banda san nikola | €250.00 | €250.00 | d | fp | servizz banda inawg monument pawlu aquilina | 29/10/12 | | | | | 9322 |
| 12 | pavi supermarket | €8.66 | €8.66 | d | fp | toileteries | 30/10/12 | 324839 | | | | 9321 |
| 13 | raymond attard | €3,538.25 | €3,538.25 | t | fp | sweeping oct12 | 01/11/12 | 2853 | | | | 9320 |
| 14 | alex camilleri | €847.43 | €847.43 | t | fp | public conveniences oct12 | 02/11/12 | 66 | | | | 9319 |
| 15 | callus landscaping | €2,710.16 | €2,710.16 | t | fp | planting public spaces oct12 | 31/10/12 | 10 | | | | 9318 |
| 16 | MS Advisory services | €887.95 | €887.95 | d | fp | project ERDF funds | 05/11/12 | 49/2012/msas | | | | 9317 |
| 17 | dlg | €25.00 | €25.00 | d | fp | advert tender cold asphalt | 05/11/12 | | | | | 9316 |
| 18 | msd | €840.16 | €840.16 | t | fp | steel signing frames for fawwara country walks | 07/09/12 | 262/12/m | | | | 9314 |
| 19 | grace mizzi | €170.09 | €170.09 | k | fp | cleaning council premises oct12 | 01/11/12 | | | | | 9313 |
| 20 | antonia aquilina | €138.52 | €138.52 | d | fp | attendance library oct12 | 01/11/12 | | | | | 9312 |
| | **Sub Total c/f** | **€13,704.97** | **€13,704.97** | | | *** payment on account** | | | | | | |
| | **Total** | **€13,704.97** | **€13,704.97** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 255 tal-12/11/2012**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier

**Data:** 12/11/12-26/11/12

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | peter farrugia | €70.00 | €70.00 | d | fp | tikhil twieqi kunsill | 29/10/12 | 150 | | | | 9311 |
| 22 | smart | €43.80 | €43.80 | d | fp | stationery | 26/10/12 | 13036046 | | 157/12 | | 9310 |
| 23 | angelo bonello | €116.47 | €116.47 | d | fp | rent of garage 22/9/12-21/12/12 | 30/10/12 | 08/01/1900 | | | | 9309 |
| 24 | avantech | €24.53 | €24.53 | d | fp | maintenance photocopier | 25/10/12 | 158164 | | | | 9308 |
| 25 | cassie cutajar | €115.20 | €115.20 | d | fp | clerikal work saturdays oct12 | 01/11/12 | 10-Dec | | | | 9307 |
| 26 | p.cutajar | €129.00 | €129.00 | d | fp | 3 boxes coffee | 25/10/12 | 638889 | | | | 9306 |
| 27 | gmm | €824.76 | €824.76 | d | fp | accounting jan-march12 | 25/10/12 | 75 | | | | 9305 |
| 28 | gmm | €824.76 | €824.76 | d | fp | accounting april-june12 | 25/10/12 | 76 | | | | 9305 |
| 29 | gmm | €824.76 | €824.76 | d | fp | accounting july-sept12 | 25/10/12 | 77 | | | | 9305 |
| 30 | agenda bookshop | €46.50 | €46.50 | d | fp | books for library | 29/10/12 | 11/04/2078 | | | | 9299 |
| 31 | audio visual centre | €126.97 | €126.97 | d | fp | books for library | 09/11/12 | 351026 | | | | 9304 |
| 32 | cir | €1,780.00 | €1,780.00 | d | fp | cir oct12 | 15/10/12 | | | | | |
| 33 | n.baldacchino | €102.00 | €102.00 | d | fp | petrol expenses oct12 | 01/11/12 | | | | | 9299 |
| 34 | arms | €238.75 | €238.75 | d | fp | bowling pitch 7/7/12-7/9/12 | 04/11/12 | 15932866 | | | | 9303 |
| 35 | arms | €191.21 | €191.21 | d | fp | gnejnet l-armonija 9/5/12-7/9/12 | 04/11/12 | ############ | | | | 9303 |
| 36 | xuereb | €684.00 | €684.00 | t | fp | bulky refuse oct12 | 10/11/12 | ############ | | | | 9300 |
| 37 | xuereb | €5,711.41 | €5,711.41 | t | fp | waste collection oct12 | 10/11/12 | 7890825 | | | | 9300 |
| 38 | central asphalt | €2,957.55 | €2,957.55 | t | fp | material for patching | 31/10/12 | 44678 | | | | 9301 |
| 39 | access point | €236.00 | €236.00 | d | fp | it virtual pack nov12 | 01/11/12 | 06-Jun | | | | 9302 |
| 40 | secom | €87.50 | €87.50 | d | fp | rerouting tel lines social services offices | 09/11/12 | 6067 | | | | 9326 |
| | **Sub Total c/f** | **€15,135.17** | **€15,135.17** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€13,704.97** | **€13,704.97** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€28,840.14** | **€28,840.14** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 255 tal-12/11/2012**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier